**- Art. 258 Kap 12 - Esekuzzjoni ta' sentenza wara hames snin -**

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Jannar 2001

**Kawza Numru: 35**
**Rikors Numru: 902/2000/RCP**

**Prokuratur Legali Adrian Borg ghan-nom u in rapprezentanza tal-H.S.B.C. Bank Malta plc**

**vs**

**Benjamin Muscat personalment u f'isem u ghan-nom ta' 'Benny Catering Ltd.' u martu Mary Muscat ghal kull interess li jista' jkollha fil-kwalita taghha ta' ko-rapprezentant tal-komunjoni tal-akkwisti.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tal-11 ta' Mejju 2000 a fol. 1 fejn l-istess rikorrenti ppremetta:-

Illi r-rikorrenti kien pproceda kontra l-konvenuti permezz ta' citazzjoni Nru. 639/94 fil-Qorti tal-Kummerc sabiex jigi kannonizzat kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' mija u sittax-il elf, tlett mija u erbatax-il lira maltin, u sitta u erbghin centezmu u zewg millezmi (Lm116,314.46,2) bl-imghaxijiet skond il-ligi ta' tmienja fil-mija; w illi l-konvenuti debitament notifikati bl-avviz tal-appuntament u bic-citazzjoni kienu baqghu kontumaci; u illi l-Qorti tal-Kummerc, fil-kontumacja tal-konvenuti kienet iddecidiet il-kawza fis-17 ta' Gunju 1994, billi laqghet it-talbiet tal-attur nomine (Dok. A.B. 1); u illi l-konvenuti ghadhom debituri tal-attur nomine fl-ammont ta' disa' u tmenin elf, u mitejn lira Maltin, fil-kont *overdraft* numru 641137553, oltre imghax bit-tmienja fil-mija (8%) mit-22 ta' Marzu tal-1988, u bl-ispejjez tal-kawza imsemmija skond l-annessa taxxa ta' din il-Qorti (Dok. A.B. 2); u illi mis-sentenza fuq imsemmija llum ghaddew aktar minn hames snin u *ai termini* tal-**artikolu 258 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili** jehtieg li t-titolu ezekuttiv tal-attur jigi mgedded, sabiex huwa jkun jista'

jesegwixxi in forza tat-titolu ezekuttiv ottenut bis-sentenza fuq indikata, u ghalhekk ir-rikorrenti talab illi din il-Qorti, prevja konferma tas-sentenza msemmija u tal-bilanc imsemmi li ghadu fil-fatt dovut, tikkonferma t-titolu ezekuttiv tal-attur nomine, irratifika s-sentenza fuq imsemmija u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma hawn imsemmija.

Bl-ispejjez tal-istess procedura kontra l-intimati.

Rat id-dokumenti hemm esebiti mal-istess rikors konsistenti fl-istess sentenza u taxxa legali konsegwenti ghall-istess a fol. 3 u 8 tal-process rispettivament.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti datat 18 ta' Mejju 2000, fejn ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghat-28 ta' Gunju 2000.

Rat li l-intimati gew debitament notifikati fit-30 ta' Mejju 2000, izda ma ipprezentaw l-ebda risposta.

Rat il-verbal tat-28 ta' Gunju 2000 fejn b'ordni tal-Qorti il-kawza giet differita ghat-12 ta' Lulju 2000.

Rat il-verbal tat-12 ta' Lulju 2000 fejn Dr Carlo Vigna ghall-intimati eccepixxa illi mhux l-ammont tas-sorte huwa kollu dovut u anke ghandu oggezzjoni ta' kif gie

dedott l-imghax. Il-PL Adrian Borg ikkonferma bil-gurament tieghu ir-rikors. Il-Qorti ordnat lir-rikorrenti biex fi zmien ta' 40 jum jesebixxi statement ta' kif wasal ghall-ammont skond hu dovut sal-lum u lill-intimati biex fl-istess terminu jindikaw lill-Qorti il-pagamenti li saru minnhom wara s-sentenza citata bid-dokumenti relattivi. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet ghall-1 ta' Novembru 2000.

Rat in-nota tal-HSBC Bank Malta plc tal-20 ta' Lulju 2000 fejn permezz taghha esebiet xi dokumenti minn fol 15 sa 21 tal-process.

Rat il-verbal tal-1 ta' Novembru 2000 fejn xehed Benjamin Muscat u esebixxa zewg dokumenti immarkati bhala Dok. BS1 u BS2 u Dr. Siegfried Borg Cole ghan-nom tal-intimati talab differiment biex ikollu l-fakolta' jgib aktar provi dwar l-izbalji li allegatament saru fl-istatement prezentat mill-attur. Il-Qorti rrilevat li l-intimat kellu erbghin (40) jum mit-12 ta' Lulju 2000 biex jindika lill-Qorti l-pagament li allegatament saru minnu. Dan ma jidhirx li sar. Il-kawza thalliet ghall-provi kollha ghall-lum u l-intimat jirrizulta li fadallu izjed provi. Il-Qorti sabiex tindika wkoll kif sejra timxi f'dan il-kaz u fil-futur, fis-sens li l-verbali u d-digrieti ghandhom jigu rispettati, ghal din id-darba biss ser taghti differiment wiehed sabiex l-intimat jikkonkludi l-provi tieghu. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba

ghall-provi kollha tal-intimat ghall-10 ta' Jannar 2001, bl-intiza cara li wara dak in-nhar il-kawza tmur ghall-provvediment finali fuq il-provi li hemm.

Rat in-nota tal-HSBC Bank Malta tal-4 ta' Jannar 2001 u d-dokumenti esebiti, fejn fl-istess nota indikaw li hallew barra fl-ewwel statement minnhom esebit l-ammont ulterjuri ta' Lm20,000 li hallsu l-intimati fit-30 ta' Settembru 1995, oltre dak imhallas minnhom fis-26 ta' April 1995, li gia kien inkluz fl-ewwel statement esebit. Sostnew ukoll li kull ma jrid jigi verfikat f'din il-procedura huwa li ghadu jezisti l-kreditu u li l-kreditur ghandu interess li jkompli jezegwixxi s-sentenza tas-17 ta' Gunju 1994 citata fl-istess rikors.

Rat il-verbal ta' l-10 ta' Jannar 2001 fejn il-PL Adrian Borg iddikjara li l-imghax kif komputat hu dak semplici. L-intimati u d-difensuri taghhom msejha tlett darbiet baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghall-provvediement finali ghat-30 ta' Jannar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din huwa rikors li sar a bazi tal-**artikolu 258 tal-Kap 12** li jipprovdi li:-

*“Wara l-gheluq ta’ hames snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fl-artikolu 253 seta’ jigi esegwit, l-esekuzzjoni tista’ ssir biss wara talba maghmula b’rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrenti ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut”.*

Illi r-rikorrenti qed jaghmel din it-talba a bazi tal-istess artikolu dwar is-sentenza fl-ismijiet **“Prokuratur Legali Adrian Borg nomine vs Benjamin Muscat nomine et”** (Citaz. Numru. 639/94/JSP) tas-17 ta’ Gunju 1994, li kopja legali taghha tinsab esbita a fol. 4 tal-process.

Illi mill-istess sentenza jidher li l-istess Qorti laqghet it-talba attrici hemm indikata fil-kontumacja tal-konvenuti, l-intimati odjerni.

Illi fl-istess sentenza t-talba milqugha mill-Qorti kienet li irrendiet l-imsemmi kuntratt tal-31 ta’ Mejju 1988

titolu esekuttiv sabiex l-attur nomine, ikun jista' jhallas is-somma ta' Lm116,314.46, 2 bl-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija mis-27 ta' Jannar 1994, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Illi dan huwa d-*decide* tal-istess sentenza, u ghalhekk hija din is-sentenza li qed tintalab l-esekuzzjoni taghha minhabba d-dekors taz-zmien skond l-**artikolu 258** fuq citat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju, anke mill-*istatements* esebiti mir-rikorrenti innifishom, li saru diversi pagamenti akkont mill-istess intimati (kif jirrizulta f'Dok. 'HSBC 1' a fol. 32 tal-process) wara l-ghoti tal-istess sentenza, inkluzi il-pagamenti indikati mill-istess intimati u fix-xhieda u dokumenti esebiti mill-intimat Benjamin Muscat fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2000, tant li l-istess pagamenti gew inkluzi fit-tieni *statement* esebit mill-istess socjeta' rikorrenti Dok. 'HSBC 1' appena imsemmi.

Illi ovvjament dawn il-pagamenti akkont ghandhom jitnaqqsu mill-ammont imsemmi fit-talba attrici milqguha fis-sentenza citata fl-ismijiet premessi deciza fis-17 ta' Gunju 1994 (Citaz. Numru. 639/94/JSP), u mill-provi prodotti, jirrizulta car li l-istess rikorrenti ghad ghandhom interess fl-istess sentenza u fl-esekuzzjoni taghha, stante li tali kreditu naxxenti mill-kuntratt

imsemmija fis-sentenza citata li biha gie' rez esegwibbli ghadu illum jezisti, stante li l-kreditu ghadu ma giex imhallas kollu, u ghad hemm ammont sostanzjali dovut, kif jindikaw l-istess statements.

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-Mid-Med Bank Limited, is-socjeta' attrici imsemmija fis-sentenza, huma l-istess H.S.B.C. Bank plc, ir-rikorrenti odjerni.

Illi ghalhekk jidher li it-talba tar-rikorrenti *nomine* a bazi biss ta' dak kontenut fl-**artikolu 258** ghandha tigi milqugha ghaliex r-rikorrenti *nomine* pprova bla ebda dubju kwalunkwe li tali kreditu ghadu jezisti, u in effetti l-intimati fl-ebda mument fil-kawza ma ikkontestaw dan, ghalkemm ikkontestaw il-*quantum* tal-istess, li strettament ma huwiex il-mertu tal-procedura odjerna.

Illi ghalhekk in vista tal-premess it-talba tar-rikorrenti *nomine* fit-termini hawn appena esposti ghandha tigi milqugha, u l-eccezzjonijiet tal-intimati qed jigu michuda.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati, **tilqa' t-talba tar-rikorrenti *nomine*** biss fis-sens illi:-

(1) Tawtorizza *ai termini tal-***artikolu 258 tal-Kap 12** l-esekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet **“**Prokuratur Legali Adrian Borg ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Mid-Med Bank Ltd. vs Benjamin Muscat personalment u f’isem u ghan-nom ta’ ‘Benny Catering Ltd’ u martu Mary Muscat ghal kull interess li jista’ jkollha fil-kwalita taghha ta’ ko-rapprezentant tal-komunjoni tal-akkwisti.” (Citaz.Nru. 634/94/JSP) moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta’ Gunju 1994.

Bl-ispejjez kollha ta’ din il-procedura kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**30 ta’ Jannar 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta’ Jannar 2001**